Nru./No. 21,556
Prezz/Price
€1.98

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 16 ta' Diċembru, 2025
Tuesday, 16th December, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 16,419 - 16,436
Government Notices ..... *16,419 - 16,436*

Avviżi tal-Pulizija ..... 16,436 - 16,437
Police Notices ..... *16,436 - 16,437*

Avviżi lill-Baħħara 16,438
Notices to Mariners *16,438*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 16,439 - 16,440
Employment Opportunities ..... *16,439 - 16,440*

Avviżi tal-Gvern ..... 16,440 - 16,441
Notices ..... *16,440 - 16,441*

Offerti ..... 16,441 - 16,442
Tenders ..... *16,441 - 16,442*

Avviżi tal-Qorti ..... 16,443 - 16,458
Court Notices ..... *16,443 - 16,458*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1972

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tnejn, 15 ta' Diċembru, 2025, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1971 tat-12 ta' Diċembru, 2025, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-15 ta' Diċembru, 2025
(OPM/19/2022)

Nru. 1973

ĦATRA TA' KUMMISSARJU GĦAT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 44A (1) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kap. 439, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, ħatar lil Dott. Fleur Abela bħala Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali b'seħħ mill-1 ta' Novembru, 2025.

Is-16 ta' Diċembru, 2025

Nru. 1974

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,551 tad-9 ta' Diċembru, 2025 (Avviżi Legali 281 sa 282) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,553 tat-12 ta' Diċembru, 2025 (Avviżi Legali 283 sa 285).

A.L. 281 tal-2025: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595); Ordni tal-2025 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija tal-Programmi tal-Unjoni Ewropea.

A.L. 282 tal-2025: Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318); Regolamenti tal-2025 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Emenda Nru. 2).

A.L. 283 tal-2025: Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Ordni tal-2025 li jemenda Liġijiet

GOVERNMENT NOTICES

No. 1972

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Monday, 15th December, 2025, and that the arrangements made by Government Notice No. 1971 of the 12th December, 2025, ceased to have effect accordingly.

15th December, 2025

No. 1973

APPOINTMENT OF COMMISSIONER FOR ANIMAL WELFARE

IN exercise of the powers vested in him by Article 44A (1) of the Animal Welfare Act, Cap. 439, the Prime Minister, after consultation with the Minister for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, has appointed Dr Fleur Abela as Commissioner for Animal Welfare with effect from 1st November, 2025.

16th December, 2025

No. 1974

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,551 of 9th December, 2025 (Legal Notices 281 to 282) and Government Gazette No. 21,553 of 12th December, 2025 (Legal Notices 283 to 285).

L.N. 281 of 2025: Public Administration Act (Cap. 595); European Union Programmes Agency(Establishment) (Amendment) Order, 2025.

L.N. 282 of 2025: Social Security Act (Cap. 318); Social Security Act (Amendment of the Fifth Schedule) (Amendment No. 2) Regulations, 2025.

L.N. 283 of 2025: Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Various Laws relating to Periods of Applicability

Varji dwar Perjodi ta' Applikabilità ta' Eżenzjonijiet taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

A.L. 284 tal-2025: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123), Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364); Regoli tal-2025 li jemendaw ir-Regoli dwar Ħelsien mit-Taxxa fuq l-Income u mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà (Emenda Nru. 2).

A.L. 285 tal-2025: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Examination of Varieties of Agricultural Plant and Vegetable Species (Amendment No. 2) Regulations, 2025.*

Is-16 ta' Diċembru, 2025

Nru. 1975

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Elena Farrugia bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Erica Soler u dan għall-perjodu bejn il-15 ta' Diċembru, 2025 u d-29 ta' Diċembru, 2025.

Illum l-Erbgħa, 10 ta' Diċembru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 1976

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Marco Burlò bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Petra Burlò u dan għall-perjodu bejn l-4 ta' Diċembru, 2025 u s-7 ta' Diċembru, 2025.

Illum l-Erbgħa, 10 ta' Diċembru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

of Exemptions under the Duty on Documents and Transfers Act (Amendment) Order, 2025.

L.N. 284 of 2025: Income Tax Act (Cap. 123), Duty on Documents and Transfers Act (Cap. 364); Relief from Income Tax and from Duty on Documents and Transfers on Certain Property Transfers (Amendment No. 2) Rules, 2025.

L.N. 285 of 2025: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Examination of Varieties of Agricultural Plant and Vegetable Species (Amendment No. 2) Regulations, 2025.

16th December, 2025

No. 1975

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Elena Farrugia to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Erica Soler for the period between the 15th December, 2025 and the 29th December, 2025.

Today Wednesday, 10th December, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 1976

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Burlò to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Petra Burlò for the period between the 4th December, 2025 and the 7th December, 2025.

Today Wednesday, 10th December, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1977

MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern barra minn Malta

Micallef St John, is-Sur Matthew – Second Secretary, Ambaxxata tar-Repubblika ta' Malta, Ruma, Ir-Repubblika Taljana

Uffiċjali Pubbliċi/Impjegati Pubbliċi

Calleja, is-Sur William – Unit Coordinator, Reġistru Pubbliku Għawdex, Identità

D'Amato, is-Surġent Cilio (Consiglio) – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Gatt, is-Surġent Leon – Korp tal-Pulizija ta' Malta

Avukati

Agius, Dott. Martina
Attard, Dott. Ramona
Buttigieg, Dott. Melanie
Camilleri Dott. Axl
Grixti, Dott. Neil
Vella, Dott. Francesca

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-16 ta' Diċembru, 2025
MJEG21/2020/13
MJR/Justice/4/2025

No. 1977

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article 3 of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Micallef St John, Mr Matthew – Second Secretary, Embassy of the Republic of Malta, Rome, The Italian Republic

Public Officers/Public Employees

Calleja, Mr William – Unit Coordinator, Gozo Public Registry, Identità

D'Amato, Sergeant Cilio (Consiglio) – Malta Police Force

Gatt, Sergeant Leon – Malta Police Force

Advocates

Agius, Dr Martina
Attard, Dr Ramona
Buttigieg, Dr Melanie
Camilleri, Dr Axl
Grixti, Dr Neil
Vella, Dr Francesca

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

16th December, 2025

Nru. 1978

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avukat Julia Micallef Stafrace, M. Adv. se tirreżenja mill-kariga bħala Kuratur Uffiċjali u Avukat għall-Għajnuna Legali (Malta) b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2026.

Il-15 ta' Diċembru, 2025
LAM 74/2023

No. 1978

CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

IT is notified for general information that Lawyer Julia Micallef Stafrace, M. Adv. shall resign from Official Curator and Advocate for Legal Aid (Malta) with effect from 1st January, 2026.

15th December, 2025

Nru. 1979

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 3 ta' Settembru, 2025, mogħtija mill-People's Committee of Da Nang fir-Repubblika tal-Vjetnam, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-16 ta' Diċembru, 2025

No. 1979

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 3rd September, 2025, issued by the People's Committee of Da Nang, Republic of Vietnam, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

16th December, 2025

Nru. 1980

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 23 ta' Ottubru, 1951, mogħtija mill-Qorti tal-Minorenni, Petty Sessional Division ta' North Aylesford, Chatham, Kent, fir-Renju Unit, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-16 ta' Diċembru, 2025

No. 1980

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 23rd October, 1951, issued by the Juvenile Court Petty Sessional Division at North Aylesford, Chatham, Kent, United Kingdom, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

16th December, 2025

Nru. 1981

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata l-14 ta' Jannar, 1977, mogħtija minn Slough County Court fir-Renju Unit,

No. 1981

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 14th January, 1977, issued by Slough County Court, United Kingdom, is being specified as an

qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-16 ta' Diċembru, 2025

adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

16th December, 2025

Nru. 1982

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata l-14 ta' Jannar, 1972, mogħtija minn Slough County Court fir-Renju Unit, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-16 ta' Diċembru, 2025

No. 1982

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 14th January, 1972, issued by Slough County Court, United Kingdom, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

16th December, 2025

Nru. 1983

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 26 ta' Lulju, 2025, mogħtija mil-Maġistrat tad-Distrett, Kottayam, Kerala, L-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuni hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-16 ta' Diċembru, 2025

No. 1983

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 26th July, 2025, issued by the District Magistrate, Kottayam, Kerala, India, is being specified as an adoption of the persons therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

16th December, 2025

Nru. 1984

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 17 ta' Jannar, 2025, mogħtija mil-Maġistrat tad-Distrett, Jajpur, Odisha, L-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuni hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-16 ta' Diċembru, 2025

No. 1984

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has made this Order whereby the Adoption Order dated 17th January, 2025, issued by the District Magistrate, Jajpur, Odisha, India, is being specified as an adoption of the persons therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

16th December, 2025

Nru. 1985

ATT DWAR SELF TAL-GVERN U L-AMMINISTRAZZJONI TAD-DEJN PUBBLIKU (KAP. 575)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull bill tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Jannar 2026 u li huwa ppubblikat mill-Accountant General skont u għall-finijiet ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta tal-2017:

No. 1985

GOVERNMENT BORROWING AND MANAGEMENT OF PUBLIC DEBT ACT (CAP. 575)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of January 2026 and is published by the Accountant General in terms of regulation 7 of the Malta Treasury Bills Regulations 2017:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
05	**06** **TB** Tender Date	**07**	**08** **TB** Issue of 91 days maturing 9 April 2026 & 273 days maturing 8 October 2026	**09**
12	**13** **TB** Tender Date	**14**	**15** **TB** Issue of 91 days maturing 16 April 2026 & 182 days maturing 16 July 2026	**16**
19	**20** **TB** Tender Date	**21**	**22** **TB** Issue of 91 days maturing 23 April 2026 & 364 days maturing 21 January 2027	**23**
26	**27** **TB** Tender Date	**28**	**29** **TB** Issue of 91 days maturing 30 Aprll 2026 & 273 days maturing 29 October 2026	**30**

Notes: *Note: TB = Treasury Bills*

1. Public Treasury bills auctions are held regularly every week, typically on Tuesdays. Successful bids are settled on the following Thursday on a T+2 settlement cycle.

2. When the auction date, or the settlement date, or any day in between the auction date and the settlement date falls on a non-business day, the auction takes place on the first business day of the same week.

3. Interest (discount) is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids must be submitted using the Treasury's prescribed tender forms and received by the Treasury Department by not later than 10.00 a.m. (CET) on the auction date. Bids can be sent via email to the addresses provided on the application form.

5. Only offers with a definite yield quoted to three (3) decimal places shall be considered.

6. Bids must be for a minimum of €250,000 nominal i.r.o. the 28 day tenor, and €50,000 nominal for other tenors. Above these minimum amounts, bids must be made in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:

1 month = typically 28 days; 3 months = typically 91 days;
6 months = typically 182 days; 9 months = typically 273 days;
12 months = typically 364 days.

8. In the event of pro-rata allocation, the bidder shall accept any portion of the amount tendered, at the same yield as that tendered for the whole amount.

9. Successful bidders will be notified of the acceptance of their tenders on the same day the auction is conducted.

10. Settlement (T+2) of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m CET on the date on which the relative Bills are dated. Settlement is to be made by bank transfer to the credit of the public account held with Central Bank of Malta as indicated on the Letter of Acceptance.

11. The Accountant General reserves the right not to allot any Treasury bills on offer without assigning any reason. For further information please refer to the Malta Treasury Bills Regulations and the Malta Treasury Bills General Prospectus at www.treasury.gov.mt.

16th December, 2025

Nru. 1986

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Avviż skont l-Artikoli 58 u 73

SKONT id-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 58(3) u l-artikolu 73(2) tal-Att tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana qiegħed hawnhekk jinnotifika lill-persuna/i mniżżla hawn taħt li ħareġ avviż fir-rigward tagħhom għal ħlas ta' taxxa, penali u interessi skont l-Arikolu 59 tal-Kap. 406.

No. 1986

VALUE ADDED TAX
(CAP. 406)

Notice in terms of Articles 58 and 73

IN terms of the proviso to Article 58(3) and Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs is hereby notifying the person/s listed hereunder that a demand notice for payment of tax, penalties and interest as per Article 59 of Cap. 406 has been issued in their regard.

Numru tal-VAT	*Tax Payer*
2442-9326	Caravel Entertainment Ltd
2442-9326	Martin Bengtsson
1932-7021	Ralfs Lismanis
2024-2814	Terence Gialanze
2073-5932	Hermes Aviation Flight Crew Ltd
2073-5932	Hermes Aviation Ltd
2275-8613	Green Mango Ltd
2275-8613	Sebastian Pierre
2010-3931	Gary Edward Lucas
1864-7704	S.T.E. Società Toscana Elettrica S.R.L.
1828-1401	CA Consulting Limited
2065-4622	ROSS Malta Ltd
2210-4022	Luppitar Int Ltd
2210-4022	Niclas Sven Arne Johansson
2424-0632	E.M. Import Export Ltd
2444-4005	Dowdall (MSC) Limited
2444-4005	Bertraoul Galea
1950-3018	Alfredo & Claudio Spiteri De Barro
1950-3018	Alfred Spiteri Debarro
2081-7031	Scandinavian Imports Limited
1085-2009	Stefan Farrugia
2069-8727	Roger Dudley Ward
1698-2615	HPS Trading Ltd
1698-2615	Hans Peter Schulte
1698-2615	Georgina Schulte
1921-0818	Technoseas Ltd
1921-0818	Taoufik Mkacher
1910-0612	DIS Equipment Rental Limited
1910-0612	Daniel Farrugia
2203-8322	Polygon International Ltd
2203-8322	Rudolf Johannes Bronkhorst
2203-8322	Erwin Maria Lehman
1968-6316	Daniel Michielon
2115-0734	Bet Market Lab Limited

Jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien 30 jum mid-data ta' din in-notifika, il-Kummissarju tat-Taxxi u d-Dwana se jipproċedi biex jinforza l-ħlas skont il-liġi.

Kopji tal-imsemmija avviż jistgħu jinġabru mis-Sezzjoni tal-Ġbir, KT, Blk 5, Il-Furjana.

Is-16 ta' Diċembru, 2025

VAT Number	*Tax Payer*
2442-9326	Caravel Entertainment Ltd
2442-9326	Martin Bengtsson
1932-7021	Ralfs Lismanis
2024-2814	Terence Gialanze
2073-5932	Hermes Aviation Flight Crew Ltd
2073-5932	Hermes Aviation Ltd
2275-8613	Green Mango Ltd
2275-8613	Sebastian Pierre
2010-3931	Gary Edward Lucas
1864-7704	S.T.E. Società Toscana Elettrica S.R.L.
1828-1401	CA Consulting Limited
2065-4622	ROSS Malta Ltd
2210-4022	Luppitar Int Ltd
2210-4022	Niclas Sven Arne Johansson
2424-0632	E.M. Import Export Ltd
2444-4005	Dowdall (MSC) Limited
2444-4005	Bertraoul Galea
1950-3018	Alfredo & Claudio Spiteri De Barro
1950-3018	Alfred Spiteri Debarro
2081-7031	Scandinavian Imports Limited
1085-2009	Stefan Farrugia
2069-8727	Roger Dudley Ward
1698-2615	HPS Trading Ltd
1698-2615	Hans Peter Schulte
1698-2615	Georgina Schulte
1921-0818	Technoseas Ltd
1921-0818	Taoufik Mkacher
1910-0612	DIS Equipment Rental Limited
1910-0612	Daniel Farrugia
2203-8322	Polygon International Ltd
2203-8322	Rudolf Johannes Bronkhorst
2203-8322	Erwin Maria Lehman
1968-6316	Daniel Michielon
2115-0734	Bet Market Lab Limited

Unless payment is effected within 30 days from the date of this notice, the Commissioner for Tax and Customs will proceed to enforce payment in terms of law.

Copies of said notices may be collected from the Collection Section, MTCA, Blk 5, Floriana.

16th December, 2025

Nru. 1987

REĠISTRU DWAR IN-NEGOZJU TA' MALTA

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

Introduzzjoni

Titolu tal-Leġiżlazzjoni	Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Formoli taħt l-Att dwar il-Kumpaniji
Att principali	Att dwar il-Kumpaniji - Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta
Entità responsabbli	Malta Business Registry

Taqsira u l-isfond

Għanijiet u objettivi tal-leġiżlazzjoni

Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni jirreferu għall-emendi li qed jitwettqu fir-rigward tar-Regolamenti dwar Formoli taħt l-Att dwar il-Kumpaniji (L.S. 386.01) (hawn iżjed 'il quddiem ir-"regolamenti prinċipali''). Dawn l-emendi qed jitwettqu sabiex jirriflettu l-bidliet regolatorji li ġab miegħu l-Att dwar il-Kumpaniji (Att XVIII tal-2025), inkluża l-introduzzjoni ta' tliet (3) formoli ġodda għall-proċedura simplifkata ta' xoljiment.

Ħarsa Ġenerali Lejn l-Istruttura tal-Istrument

Ir-regolamenti emendatorji jikkonsistu f'żewġ (2) regolamenti, kif ġej:

Ir-Regolament 1 jistipula t-titolu tar-regolamenti;
Ir-Regolament 2 effettivament jemenda l-Iskeda għar-regolamenti prinċipali.

Kummentarju

Formola A - Din il-Formola ġiet emendata sabiex tiżgura ċ-ċertezza legali filwaqt li tagħmel ukoll il-Formola aktar faċli sabiex tintuża. Mal-ħatra ta' soċju, is-soċjetà għandha tissottometti il-'Formola A', billi tagħti avviż skont l-artikolu 19(3) jew l-artikolu 52 tal-Att dwar il-Kumpaniji, li s-soċju/soċju solidali/soċju akkomandant il-ġdid ikun ġie maħtur. Il-Formola preċedenti ġiet emendata sabiex tinkludi l-artikolu li jikkorrispondi għall-artikolu 19(3) fir-rigward ta' soċjetà in akkomandita, jiġifieri l-artikolu 52. Barra minn hekk, l-interess tas-soċju fis-soċjetà issa huwa meħtieġ li jiġi indikat fil-Formola A kif emendata.

Formola A1 - Din il-formola giet emendata sabiex tiżgura ċ-ċertezza legali filwaqt li tagħmel il-Formola aktar faċli sabiex tintuża. Maċ-ċessjoni tas-soċju, is-soċjetà għandha, billi tissottometti l-Formola A1, tagħti avviż skont l-artikolu 19(3) jew l-artikolu 52 tal-Att dwar il-Kumpaniji, li l-persuna ma għadhiex soċju/soċju solidali/soċju akkomandant b'effett miċ-ċessjoni ta' tali soċju.

Formola B1 - Din il-formola ġiet sostitwita b'Formola B1 ġdida sabiex tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Att XVIII tal-2025. Din il-formola tikkonsisti f'avviż ta' riżoluzzjoni straordinanarja għax-xoljiment skont il-proċedura simplifikata ta' xoljiment, li tapprova s-sottomissjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 214A(3) tal-Att dwar il-Kumpaniji.

Form B1(A) – Din il-Formola (li qabel kienet il-Formola B1) ingħatat l-isem il-ġdid Formola B1(A). Il-kontenut ta' din il-Formola baqa' l-istess, fis-sens li l-kumpanija qed tagħti avviż skont l-Artikolu 265(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji li għaddiet riżoluzzjoni straordinarja għax-xoljiment u l-istralċ tagħha u li d-direttur/segretarju qed jikkonferma li skont l-Artikolu 268(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji, id-diretturi għamlu/ma għamlux dikjarazzjoni.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

Formola B3 - Din hija formola ġdida li trid tiġi ffirmata mid-diretturi kollha tal-kumpanija. Il-Formola B(3) hija applikazzjoni għall-proċedura simplifikata ta' xoljiment sabiex il-kumpanija tiġi xolta u isimha jitħassar minn fuq ir-reġistru, kemm-il darba tiddikjara li sitt (6) xhur qabel id-data tal-applikazzjoni, il-kumpanija ma wettqet l-ebda tibdil fl-isem tagħha u lanqas ma nnegozjat jew inkella wettqet negozju, li ma mpjegat l-ebda impjegati, ħlief persuni li huma uffiċjali tal-kumpanija, u li fid-data tal-applikazzjoni ma għandhiex dokumenti jew penali pendenti mar-Reġistratur, u li lanqas ma kellha xi ismha tagħha mirhuna.

Barra minn hekk, id-diretturi għandhom jiddikjaraw li l-kumpanija mhix regolata taħt xi liġi oħra applikabbli f'Malta; li kwalulnkwe obbligi fil-konfront tal-krediturі tagħha ġew sodisfatti u/jew li dawn l-obbligi ġew ikkanċellati mill-krediturі tagħha għajr, jekk applikabbli, kwalunkwe drittijiet pendenti favur l-uffiċjali attwali tal-kumpanija jew providituri ta' servizzi lill-kumpaniji attwali, u/jew kwalunkwe self pagabbli lil kwalunkwe wieħed mill-azzjonisti tal-kumpanija.

Kwistjonijiet oħra koperti mid-dikjarazzjoni jinkludu li l-kumpanija:

- ma għandhiex kawżi pendenti f'Malta, jew barra minn Malta;
- ma għandhiex assi li jeċċedu l-hamest elef ewro (5,000 euro);
- ma tkun daħlet fl-ebda att jew kuntratt fis-sitt (6) xhur preċedenti, ħlief mal-provdituri ta' servizzi lill-kumpaniji u ma għandha l-ebda ammonti pendenti dovuti lil xi awtorità jew korp governattiv.

Id-diretturi għandhom ukoll jikkonfermaw fil-Formola li ser iżommu d-dettalji tas-sidien benefiċċjarji u r-rekords finanzjarji tal-kumpanija, jew jindikaw l-isem tal-persuna identifikata sabiex iżżomm id-dettalji tas-sidien benefiċjarji u r-rekords finanzjarji tal-kumpanija.

Form B(4) - Din hija wkoll formola ġdida li takkumpanja l-Formoli B(1) u B(3). Din hija konferma min-naħa tad-diretturi tal-kumpanija li:

(a) ttieħdet riżoluzzjoni tal-azzjonisti sabiex tapprova l-proċedura simplifikata ta' xoljiment volontarju msemmija f'dan l-istess artikolu, skont il-memorandum u l-istatut tal-kumpanija; u
(b) il-Kumpanija għalqet il-kontijiet bankarji kollha/qatt ma kellha kontijiet bankarji; u
(ċ) il-Kumpanija ppreżentat applikazzjoni onlajn sabiex tikkanċella r-reġistrazzjoni tal-kumpanija għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud f'Malta/qatt ma ġiet reġistrata għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud f'Malta; u
(d) il-Kumpanija ma għandha l-ebda persuni impjegati magħha għajr dawk il-persuni li huma uffiċjali tagħha.

Form Q - F'konformità mal-emendi għall-artikolu 79(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji (bl-Att XVIII tal-2025), din il-Formola teħtieġ notifika ta' tibdil fl-ufficju registrat jew fl-indirizz elettroniku rreġistrat tal-kumpanija.

Sezzjonijiet Konklużivi

Fid-dawl tal-obbligi ġodda introdotti bl-Att XVIII of 2025 u r-regolamenti principali, huwa rakkomandabbli li l-uffiċjali tal-kumpaniji kkonċernati jikkonsultaw avukat, accountant, jew awditur kif meħtieġ sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-liġi. In-nuqqas li jsiru s-sottomissjonijiet meħtieġa jew li tittieħed l-azzjoni meħtieġa fil-perjodi ta' żmien mitluba jirriżulta fl-impożizzjoni ta' penali amministrattivi fuq il-kumpanija u l-uffiċjali tal-kumpanija. Il-penali amministrattivi jistgħu jiġu evitati jekk l-uffiċjali tal-kumpanija jkunu konformi mal-liġi Maltija dwar il-kumpaniji u l-liġi sussidjarja magħmula taħtha.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil legal.enforcement@mbr.mt /22582300.

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba sabiex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-16 ta' Diċembru, 2025

No. 1987

MALTA BUSINESS REGISTRY

Explanatory Notes[1]

Introduction

Title of Legislation	Companies Act (Forms) (Amendment) Regulations, 2025
Parent Act	Companies Act - Cap. 386 of the Laws of Malta
Responsible entity	Malta Business Registry

Summary and background

Aims and Objectives of the Legislation

These Explanatory Notes refer to amendments that are being carried out to the Companies Act (Forms) Regulations (S.L. 386.01), (hereinafter the "principal regulations") by means of the Companies Act (Forms) (Amendment) Regulations, 2025 (hereinafter the "regulations''). These amendments are being carried out to reflect the regulatory changes brought about by the Companies (Amendment) Act, 2025 (Act XVIII of 2025), including the introduction of new forms for the simplified dissolution procedure resulting in the introduction of three (3) statutory forms.

Overview of the Structure of the Instrument

The amending regulations consist of two (2) regulations as follows:

Regulation 1 stipulates the title of the regulations;
Regulation 2 effectively amends the Schedule to the principal regulations.

Commentary

Form A - This Form has been amended to ensure legal certainty and assist the public at large by making the Form more user friendly. Upon the appointment of a partner, the partnership shall submit a 'Form A', giving notice in accordance with article 19(3) or article 52 of the Companies Act, of the new partner/general partner/limited partner who has been appointed. The previous Form has been amended to include the article which corresponds to article 19(3) in relation to partnerships *en commandite*, namely article 52. Additionally, the partnership interest of the appointed partner is now also required to be indicated in the amended Form A.

Form A1 - This Form has been amended to ensure legal certainty while also making the Form more user friendly. Upon the cessation of a partner, the partnership shall, by submitting Form A1, give notice in accordance with article 19(3) or article 52 of the Companies Act, as applicable, of the cessation of a partner/general partner/ limited partner with effect from the cessation of such partner.

Form B1 – This Form has been substituted by a new Form B1 to be in line with the requirements of Act XVIII of 2025. This form consists of a notice of an extraordinary resolution for dissolution in accordance with the simplified dissolution procedure approving the filing of an application in terms of Article 214A(3)(a) of the Companies Act.

Form B1(A) - This Form (previously Form B1) has been renamed to read Form B1(A). The content of this Form has remained unchanged, in that the company is giving notice pursuant to Article 265(1) of the Companies Act that it has passed

[1]These Explanatory are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

an extraordinary resolution for its dissolution and winding up and that the director/secretary is confirming that in accordance with Article 268(1) of the Companies Act a declaration has /has not been made by the directors.

Form B(3) - This is a new Form which is to be signed by all directors of the company. Form B(3) is an application for a simplified dissolution procedure for the company to be dissolved and have its name struck off the register, provided that it declares that six (6) months prior to the date of the application, the company has not carried out any changes to its name or traded or otherwise carried out business or employed employees other than any person who is an officer of the company and that it does not have any documents or penalties with the Registrar which remain outstanding as at the date of the application, or any of its shares pledged.

Furthermore, the directors must declare that the company is not regulated under any other applicable law in Malta; that it has discharged in full any liabilities towards its creditors and/or that such liabilities have been written off by its creditors, with the exception, if applicable, of any outstanding fees to the company's current officers or current corporate service providers and, or any loans payable to any of the company's shareholders.

Further matters covered by the declaration include that, the company:

- has no pending court proceedings in, or outside Malta;
- does not have any assets exceeding 5,000 euro;
- has not entered into any deeds or contracts in the previous six (6) months other than with the service providers to the company and has no outstanding amounts due to any government authority or body.

The directors shall also confirm on the Form that they will keep the details of the beneficial owners and financial records of the company or stipulate the name of the designated person to retain the details of the beneficial owners and financial records of the company.

Form B(4) - This is also a new Form that accompanies Form B(1) and B(3). It is a confirmation by any of the directors of the company that: (i) a shareholders' resolution has been duly adopted to approve the simplified voluntary dissolution procedure referred to in this article, in accordance with the company's memorandum and articles of association; (ii) all bank accounts, if any, have been closed; (iii) where applicable, that an application has been filed online for the de-registration of the company for value added tax purposes in Malta; (iv) that no persons are employed by the company other than any person who is an officer of the company.

Form Q - In line with the amendments to article 79(2) of the Companies Act (by Act XVIII of 2025), this Form requires notification of change to the registered office or electronic mail address of the company.

Concluding Section

In view of the new obligations introduced by Act XVIII of 2025 and the amending regulations, it would be advisable that officers of companies concerned consult a lawyer, accountant, or auditor as required to ensure the fulfilment of obligations arising from the new amendments. Failure to make the necessary filings or take the necessary action within the requested time frames shall result in administrative penalties being imposed on the company and officers of the company. Administrative penalties can be avoided if the company officers adhere to the requirements stipulated in Maltese company law and any subsidiary legislation made thereunder.

For further information please contact legal.enforcement@mbr.mt/22582300.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

16th December, 2025

Nru. 1988

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRKIRKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 630 tat-3 ta' Awwissu, 2000 u 935 tat-2 ta' Awwissu, 2019, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birkirkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1988

NUMBERING OF DOORS AT BIRKIRKARA

Amendments

WITH reference to Government Notices Nos. 630 dated 3rd August, 2000 and 935 dated 2nd August, 2019, under the title 'Numbering of doors at Birkirkara', the following amendments in **bold** should be made.

BIRKIRKARA

10. TRIQ IĊ-ĊEŻALPINA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Olaf Gollcher

Left side entering from Triq Olaf Gollcher

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	23
Garaxx	25
Casa Maruel	27
Ħanut (Mini Market)	29
Garaxx	31
Ave Maria	33
Store	35
Store (Basement)	37
Bieb bla numru (Dar)	39
Garaxx	41
Garaxx	41A
Bieb bla numru (Flettijiet)	43
Bieb bla numru (Dar)	45
Garaxx	45A
Madonna Tal-Minsija	47
Garaxx	49
Sit bla bini	51-57
Casa Maria Dolores	59

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Olaf Gollcher

Right side entering from Triq Olaf Gollcher

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
23 (Garaxx)	23
25 (Garaxx)	**25**
25A, Unique Court	**25A**
27, Maruel	**27**
29, Gold Dust	**29**
29A (Daħla għall-garaxxijiet)	**29A**
31	**31**
33A	**33**
33B	**33A**
35 (Flettijiet)	**35**
37	**37**

Isem/Numru Qadim
Name/Old Number

Numru ġdid
New Number

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
39, **Piccadilly**	39		
43, **Adonai Court**	43		
45, **April Bliss**	45		
45A **(Daħla għall-garaxxijiet)**	45A		
Avantgarde Court	**47**		
Madonna tal-Mensija	**49**		
Garaxx	**51**		
Victoria Court	**53**		
Garaxx	**55**		
59, Casa Maria Dolores	59		

** In-numri 41, 41A u 57 mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm mibni u maħsub oriġinarjament.*

Is-16 ta' Diċembru, 2025

Nru. 1989

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL GĦAXAQ

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 498 tat-2 ta' Ġunju, 2015, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Għaxaq', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

16th December, 2025

No. 1989

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL GĦAXAQ

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 498 dated 2nd June, 2015, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Għaxaq', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL GĦAXAQ

2. TRIQ DON V. SICLUNA HERNANDES

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Tal-Qattus

Left side entering from Triq Tal-Qattus

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Whimbrel	9
Sit bla bini	11
Sit bla bini	13
Sit bla bini	15
Sit bla bini	17
Sit bla bini	19
Sit bla bini	21
Sit bla bini	23
Sit bla bini	25
Orchidea Court	27

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Tal-Qattus

Right side entering from Triq Tal-Qattus

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	28
Sit bla bini	30
Sit bla bini	32
Sit bla bini	34
Sit bla bini	36
Mon Reve	38

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
9, Whimbrel	9
Sit bla bini	11
Sit bla bini	13
Sit bla bini	15
Daħla għall-garaxxijiet	**17**
Sit bla bini	19

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	28
Bieb bla numru	**30**
Marjon (Flettijiet)	**32**
Casa Delle Alpi	**34**
Daħla għall-garaxxijiet	**36**
38, Mon Reve	38

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	21		
Sit bla bini	23		
Sit bla bini	25		
27, Orchidea Court	27		

3. TRIQ L-ISPARVIER

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Giovanni Scicluna

Left side entering from Triq Giovanni Scicluna

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Giovanni Scicluna

Right side entering from Triq Giovanni Scicluna

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Nirvana	1		
Garaxx	3		
Etincelle	5		
Ta' Garda Blokk D	7		
Abalone	9		
Ta' Garda Blokk C	11		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
1, Nirvana	1		
Daħla għall-garaxxijiet	**3**		
1, Ta' Dora House	**3A**		
3, Etincelle Court	**5**		
Bieb bla numru	**5A**		
7, Ta' Garda Blokk D	7		
9, Abalone	9		
Basement	**9A**		
11, Ta' Garda Blokk C	11		

Is-16 ta' Diċembru, 2025

Nru. 1990

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSAXLOKK

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 532 tal-14 ta' Ġunju, 2002, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Marsaxlokk', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

16th December, 2025

No. 1990

NUMBERING OF DOORS AT MARSAXLOKK

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 532 dated 14th June, 2002, under the title 'Renumbering of doors at Marsaxlokk', the following amendments in **bold** should be made.

MARSAXLOKK

27. TRIQ SAN ĠUŻEPP

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Melqart

Left side entering from Triq Melqart

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Melqart

Right side entering from Triq Melqart

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	25		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	27		
23	29		
Bieb imbarrat	31		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	25		
Madonna Ta' Pinu	**27**		
Bieb bla numru	**29**		
31 (Bieb imbarrat)	31		

Is-16 ta' Diċembru, 2025

Nru. 1991

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 120 tal-31 ta' Jannar, 2023, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

16th December, 2025

No. 1991

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 120 dated 31st January, 2023, under the title 'Numbering of doors at Il-Mosta', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MOSTA

1. TRIQ IL-PONT

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Bażilika

Left side entering from Triq il-Bażilika

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Bażilika

Right side entering from Triq il-Bażilika

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
108	122
Garaxx	124
110	126
112	128

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
122	122
Daħla għall-garaxxijiet	**124**
126, Ta' Żambura	**126**
Bieb bla numru	**126A**
128	128

Is-16 ta' Diċembru, 2025

16th December, 2025

Nru. 1992

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL GĦAXAQ

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 498 tat-2 ta' Ġunju, 2015, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Għaxaq', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 1992

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL GĦAXAQ

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 498 dated 2nd June, 2015, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Għaxaq', the following prolongation in **bold** should be made.

ĦAL GĦAXAQ

5. TRIQ IS-SETTEMBRINA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Giovanni Scicluna

Left side entering from Triq Giovanni Scicluna

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Giovanni Scicluna

Right side entering from Triq Giovanni Scicluna

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	22

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Flor	**24**
Aster Apartments	**26**
Juvel	**28**
Ohana	**30**

Is-16 ta' Diċembru, 2025

16th December, 2025

Nru. 1993

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
16.12.2025	€118.825	€1.766

Is-16 ta' Diċembru, 2025

No. 1993

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

16th December, 2025

Nru. 1994

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Deċiżjoni Nru. 4 tal-10 ta' Diċembru, 2025, maħruġa skont l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545) fir-rigward tat-talba għal żieda fil-kummissjoni tad-detenturi ta' awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-LPG inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ

IR-REGOLATUR għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma jgħarraf ill fl-10 ta' Dicembru, 2025, ħareġ Deċiżjoni dwar żieda fil-kummissjoni tad-detenturi ta' awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attività ta' bejgħ bl-imnut ta' ċilindri li jinġarru mimlija bil-LPG inkluż il-bejgħ bl-imnut minn post fiss ta' bejgħ.

Id-Deċiżjoni tista' titniżżel mill-ħolqa:

(https://www.rews.org.mt/mt/notifikazzjonijiet-tad-decizjonijiet/)

Is-16 ta' Diċembru, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 275

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Jannar, 2026, mill-10.00 a.m. sas-1.30 p.m., mill-ewwel żewġ spazji ta' parkeġġ mill-bieb tal-garaxx aktar 'l isfel, maġenb l-Iskola ta' Saint Benild fi Triq il-Knisja.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Diċembru, 2025

No. 1994

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

Decision No. 4 of the 10th December, 2025, issued in virtue of the Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545) with respect to the request for an increase in the commission of holders of an authorisation to retail portable cylinders filled with LPG, including retail from a fixed point of sale

THE Regulator for Energy and Water Services notifies that on the 10th December, 2025, it has issued a Decision regarding an increase in the commission of holders of an authorisation to retail portable cylinders filled with LPG, including retail from a fixed point of sale.

The Decision may be downloaded from the following website link:

(https://www.rews.org.mt/decision-notices/)

16th December, 2025

POLICE NOTICE

No. 275

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

On Friday, 30th January, 2026, from 10.00 a.m. to 1.30 p.m., through the first two parking spaces by the garage door further down, next to Saint Benild School in Triq il-Knisja.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

16th December, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 276

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Marsa

Nhar l-Erbgħa, 17 ta' Diċembru, 2025, mill-5.30 p.m. sas-6.30 p.m. minn Triq N. Sacco, Triq ix-Xemxija, Triq San Franġisk, Triq Azzopardi, Triq Ħal Qormi, Triq San Mikiel, Triq Assunta u Triq Isouard.

Għeluq ta' triq u trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

M'hemmx bżonn clearance.

Santa Venera

Nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru, 2025, mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m., hemm bżonn ta' clearance ta' erba' spazji ta' parkeġġ quddiem il-bieb prinċipali ta' Casa Leoni fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Tal-Pietà

Nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru, 2025, mis-7.30 p.m. sat-8.30 p.m., hemm bżonn ta' clearance ta' erba' spazji ta' parkeġġ quddiem l-entratura tan-NET TV fi Triq Herbert Ganado.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Il-Belt Valletta

Mill-5.00 a.m. tat-Tlieta, 30 ta' Diċembru, 2025 sat-3.00 a.m. tal-Ħamis, l-1 ta' Jannar, 2026, minn Triq Ġilormu Cassar minn Pjazza Kastilja sal-Monument tal-Gwerra.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Diċembru, 2025

POLICE NOTICE

No. 276

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Marsa

On Wednesday, 17th December, 2025, from 5.30 p.m. to 6.30 p.m. through Triq N. Sacco, Triq ix-Xemxija, Triq San Franġisk, Triq Azzopardi, Triq Ħal Qormi, Triq San Mikiel, Triq Assunta and Triq Isouard.

Closure of road and public transport will not be affected.

No clearance needed.

Santa Venera

On Friday, 19th December, 2025, from 6.00 p.m. to 7.00 p.m., clearance of four parking spaces is required in front of Casa Leoni's main door in Triq il-Kbira San Ġużepp.

Public transport will not be diverted.

Tal-Pietà

On Friday, 19th December, 2025, from 7.30 p.m. to 8.30 p.m., clearance of four parking spaces is required in front of NET TV's entrance in Triq Herbert Ganado.

Public transport will not be diverted.

Valletta

From 5.00 a.m. of Tuesday, 30th December, 2025 to 3.00 a.m. of Thursday, 1st January, 2026, through Triq Ġilormu Cassar from Pjazza Kastilja to the War Memorial.

Public transport (Valletta Circular Bus) will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

16th December, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 213 tal-2025

Mogħdija Stabbilita ħdejn il-Moll ta' Buġibba

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara u lill-propjetarji tal-bastimenti li ġiet stabbilita mogħdija ħdejn il-moll ta' Buġibba kif indikat fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-mogħdija hija delinjata mill-punti A, B, C, D, E, F, G, H, I, J u K kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Punti	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*	
A	35˚57'.307	14˚24'.291	Fairway
B	35˚57'.061	14˚24'.328	
C	35˚57'.041	14˚24'.352	
D	35˚57'.032	14˚24'.385	
E	35˚57'.037	14˚24'.421	
F	35˚57'.052	14˚24'.448	
G	35˚57'.067	14˚24'.457	
H	35˚57'.089	14˚24'.463	
I	35˚57'.113	14˚24'.496	Kosta
J	35˚57'.138	14˚24'.437	Kosta
K	35˚57'.360	14˚24'.404	Fairway

L-ebda bastiment mhu permess li jankra jew jirmiġġa fil-mogħdija li għadha kif ġiet stabbilita.

Id-detenturi tal-irmiġġi rreġistrati li huma affettwati minn din il-mogħdija ġdida se jiġu kkuntattjati mill-Yachting and Mooring Department fil-jiem li ġejjin.

L-irmiġġi (u l-irkapti tagħhom) fil-mogħdija għandhom jitneħħew mill-proprjetarju mingħajr dewmien fl-interess tas-sigurtà tan-navigazzjoni. Kull irmiġġ u rkaptu li jibqgħu fil-mogħdija se jitneħħew a spejjeż tal-proprjetarju tagħhom. L-Awtorità ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara li tista' tiġi kkawżata waqt it-tneħħija tal-bastimenti u l-irmiġġi msemmija.

Barra minn hekk, il-baħħara qed jiġu mfakkra li huwa pprojbit li jitpoġġew irmiġġi u rkapti mingħajr il-permess preċedenti tal-Awtorità.

Il-pożizzjonijiet kollha huma b'referenza għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA 211

Is-16 ta' Diċembru, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 213 of 2025

Fairway established near Il-Moll ta' Buġibba

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a fairway has been established as indicated on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) near Il-Moll ta' Buġibba.

The fairway is delineated by the points A, B, C, D, E, F, G, H, I, J and K as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Points	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*	
A	35˚57'.307	14˚24'.291	Fairway
B	35˚57'.061	14˚24'.328	
C	35˚57'.041	14˚24'.352	
D	35˚57'.032	14˚24'.385	
E	35˚57'.037	14˚24'.421	
F	35˚57'.052	14˚24'.448	
G	35˚57'.067	14˚24'.457	
H	35˚57'.089	14˚24'.463	
I	35˚57'.113	14˚24'.496	Coast
J	35˚57'.138	14˚24'.437	Coast
K	35˚57'.360	14˚24'.404	Fairway

No vessels are permitted to anchor or moor within the newly established fairway.

Registered mooring holders affected by this new fairway are to be contacted by the Yachting and Mooring Department in the coming days.

The moorings (and their ground tackle) within the fairway are to be removed by their owner without delay in the interest of safety of navigation. Any moorings and ground tackle that are left in the fairway, will be removed at the expense of their owner. The Authority will accept no liability whatsoever for any damage that may be caused while removing the said vessels and moorings.

Furthermore, mariners are reminded that it is prohibited to lay any moorings and ground tackle without the prior permission of the Authority.

All positions are referred to WGS 84 DATUM

Chart affected: BA 211

16th December, 2025

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Sejħa għall-applikazzjonijiet għal Uffiċjal tal-Komunità fuq bażi full-time

Referenza tal-permess tal-Jobsplus Numru 860/2019

L-applikanti għandhom:

Ikunu ċittadini ta' Malta, jew

Ikunu ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati li jittrattaw il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

Ikunu taħt il-ħamsa u sittin (65) sena;

Ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

Jippreżentaw ċertifikat tat-tluq mill-iskola;

Jippreżentaw kondotta nadifa riċenti tal-Pulizija;

Ikunu fil-pusses ta' liċenzja tas-sewqan valida u nadifa;

Ikunu medikament b'saħħithom fl-aspett fiżiku kif ukoll mediku, skont l-istandards mediċi stabbiliti mill-aġenzija LESA sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet ta' Uffiċjal tal-Komunità

Kandidati li jkollhom it-tatwaġġi u/jew body piercing se jiġu kkunsidrati fuq bażi ta' każ b'każ.

Esperjenza relatata mal-infurzar lokali tkun ikkunsidrata bħala vantaġġ għall-impieg.

Il-kandidati interessati jridu jibagħtu Curriculum Vitae flimkien mal-kredenzjali mitluba permezz ta' ittra elettronika lil (hr.lesa@lesa.gov.mt), jew ippreżentat bl-idejn fil-bini tal-Amministrazzjoni LESA, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, 246, Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 30 ta' Diċembru, 2025, fl-4.00 p.m.

L-applikazzjonijiet kollha jiġu rikonoxxuti u trattati bl-aktar kunfidenzjalità stretta.

Is-16 ta' Diċembru, 2025

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Call for applications for Community Officer on a full-time basis

Ref. Jobsplus Permit Number 860/2019

Applicants must:

A citizen of Malta, or

Citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers,

Be under the sixty-five (65) years of age;

Be proficient in the Maltese and English languages;

Produce a School Leaving Certificate;

Produce a recent clean Police conduct

Be in possession of a valid and clean driving licence;

Be medically fit in all aspects, physically and mentally, in accordance with the medical standards of fitness established by LESA Agency, to be able to perform all Community Officer duties.

Applications by candidates having tattoos and/or heavy body piercing will be considered on a case-by-case basis.

Experience related to local enforcement will be considered an asset.

Interested candidates have to submit a Curriculum Vitae together with the requested credentials through (hr.lesa@lesa.gov.mt), or presented by hand at LESA Administration building, Human Resources office, 246, Triq Mater Boni Consilii, Fgura, by not later than Tuesday, 30th December, 2025, at 4.00 p.m.

All applications are acknowledged and treated in the strictest confidence.

16th December, 2025

TEATRU MANOEL

Sejħa għall-applikazzjonijiet għal Social Media u Content Creator fit-Teatru Manoel

(Ref: HR/TM/09/2025)

Teatru Manoel qed joħroġ sejħa għal applikazzjonijiet minn kandidati adattati għal Social Media u Content Creator dinamiku u ta' esperjenza biex jingħaqad mad-Dipartiment tal-Marketing fuq bażi ta' 'contract for service'. Is-Social Media u Content Creator se jkun qed jirrapporta lill-Manager (PR and Communications) u għandu dejjem jassigura li kull deċiżjoni tittieħed biss wara li jkun sar proċess ta' djalogu li jippromovi kordinazzjoni u team work.

Is-Social Media u Content Creator se jkun responsabbli sabiex joħloq kontenut, inkluż grafika, filmati u materjal ta' kitba għal kwalunkwe pubblikazzjoni u stqarrijiet tal-istampa. Joħloq kontenut għall-midja soċjali skont dak li jkun meħtieġ mill-programm artistiku ta' Teatru Manoel. Se jkun ukoll responsabbli li joħloq kalendarju li jikkonsisti f'kontenut għall-midja soċjali inkluż l-iskedar ta' dan il-kontenut u s-sorveljanza ta' kampanji ta' riklamar fuq il-midja soċjali.

Is-Social Media u Content Creator se jkun qed jappoġġja lill-Manager tat-Teatru Manoel (PR and Communications) u jkun meħtieġ jaħdem filgħaxijiet, fi tmiem il-ġimgħa kif ukoll festi pubbliċi.

Applikanti interessati għandhom iżuru s-sit elettroniku (www.teatrumanoel.mt) għad-deskrizzjonijiet tal-pożizzjoni, il-kwalifiki mitluba u l-istruzzjonijiet fuq kif japplikaw.

L-applikazzjonijiet tas-sejħa tagħlaq nhar it-Tnejn, 29 ta' Diċembru, 2025, f'nofsinhar.

Is-16 ta' Diċembru, 2025

MANOEL THEATRE

Call for Applications for Social Media and Content Creator at Teatru Manoel

(Ref: HR/TM/09/2025)

Teatru Manoel is seeking applications from suitable candidates for a dynamic and experienced Social Media & Content Creator to join the Marketing Department on a Contract for Service. The Social Media and Content Creator shall report to the Manager (PR and Communications) and must always ensure that any decisions affecting other departments or sections, whether directly or indirectly, are made only after a thorough process of dialogue to promote team spirit and coordination.

Amongst other duties the Social Media and Content Creator will be responsible to create high-quality in-house content, including graphics, videos and written materials, for publication and release, develop engaging social media content aligned with Teatru Manoel's programme needs, ensuring audience relevance and brand consistency, as well as establish and maintain a regular content calendar, including scheduling posts and overseeing social media advertising campaigns.

The Social Media and Content Creator will be supporting Teatru Manoel's Manager (PR and Communications). The chosen candidate will be required to work during the evenings, weekends, and public holidays.

Interested applicants are to visit the website (www.teatrumanoel.com.mt) for the full job description, required qualifications and instructions on how to apply.

Application deadline is on Monday, 29th December, 2025, at noon.

16th December, 2025

BORD TAL-KOPERATTIVI

Avviż ta' Ordni ta' Tħassir ta' Reġistrazzjoni

(Att Nru XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Ordni Nru 24

Ngħarrfu b'dan illi l-Bord tal-Koperattivi ordna t-tħassir ta' reġistrazzjoni ta' 'Koperattiva Produtturi tal-Bhejjem

CO-OPERATIVES BOARD

Notice of Order of Cancellation of Registration

(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Order No. 24

It is hereby notified that the Co-operatives Board has ordered the cancellation of the registration of 'Koperattiva

Limitata' skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 105 (1) tal-Att Nru XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

L-1 ta' Diċembru, 2025
CB 16/24

Produtturi tal-Bhejjem Limitata' in accordance with the provisions of Article 105 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

1st December, 2025

BORD TAL-KOPERATTIVI

Avviż ta' Emendi ta' Regoli fl-Istatut

(Att Nru XXX tal-2001 dwar is-Soċjetajiet Koperattivi)

Ordni Nru 25

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 11(c) ġiet emendata, regola numru 11(h) ġiet imneħħija u regoli 11(i), 11(j) u 11(k) ġew jinqraw 11(h), 11(i) u 11(j) rispettivament fl-Istatut ta' 'Koperattivi Malta'. Dawn l-emendi ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fl-1 ta' Diċembru, 2025.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

L-1 ta' Diċembru, 2025
CB 34/79/37

CO-OPERATIVES BOARD

Notice of Amendments of Rules in Statute

(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Order No. 25

It is hereby notified that rule number 11(c) has been amended, rule number 11(h) has been removed and rule numbers 11(i), 11(j) and 11(k) have been amended to read rule numbers 11(h), 11(i) and 11(j) respectively in the Statute of 'Cooperatives Malta'. These amendments were registered by the Co-operatives Board on 1st December, 2025.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

1st December, 2025

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

AgriConnect

AgriConnect qed tistieden lil konsulenti li għandhom l-esperjenza meħtieġa sabiex jipprovdu servizzi ta' pariri lill-bdiewa dwar miżuri ta' tiġdid tal-vinji. Il-konsulenti interessati li jixtiequ jiksbu rikonoxximent mid-Direttorat għas-Servizzi ta' Riċerka u Konsulenza huma mitluba jimlew il-formola tal-applikazzjoni u jippreżentaw id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa.

Id-dettalji kollha rekwiżiti u l-formola tal-applikazzjoni huma disponibbli fis-sit elettroniku tad-Direttorat għas-Servizzi ta' Riċerka u Konsulenza (https://ruralaffairs.gov.mt/rizorsi/sejhiet-ghall-pubbliku/).

Dawk interessati huma mitluba jibagħtu ittra elettronika lil (agriconnect.mafa@gov.mt), u jindikaw b'mod ċar l-interess tagħhom li jipparteċipaw.

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

AgriConnect

AgriConnect is inviting consultancy service providers with the necessary expertise to deliver advisory services to farmers on vineyard renewal measures. Providers interested in obtaining recognition from the Research and Advisory Services Directorate are required to complete the relevant application form and submit all accompanying documentation.

Full details, including the application form, are available on the Research and Advisory Services Directorate website (https://ruralaffairs.gov.mt/en/resources/calls/).

Interested applicants are requested to send an email to (agriconnect.mafa@gov.mt), clearly indicating their intention to participate.

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni hija l-Ġimgħa, 30 ta' Jannar, 2026. Applikazzjonijiet tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-16 ta' Diċembru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 17 ta' Diċembru, 2025.

ERU1112U25
ERU1112U25 – Medicinal
ERU1112U25A – Medicinal
ERU1112U25B – Medicinal
ERU1112U25C – Devices
ERU1112U25D – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-16 ta' Diċembru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 2025.

ERU1212U25 – Medicinals
ERU1212U25A – Medicinals
ERU1212U25B – Devices
ERU1212U25C – Devices
ERU1212U25D – Medicinal
ERU1212U25E – Medicinal
ERU1212U25F – Medicinal
ERU1212U25G – Medicinal
ERU1212U25H – Medicinal
ERU1212U25I – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-16 ta' Diċembru, 2025

The closing date for submission is Friday, 30th January, 2026. Late applications will not be considered.

16th December, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10:00 on Wednesday, 17th December, 2025.

ERU1112U25
ERU1112U25 – Medicinal
ERU1112U25A – Medicinal
ERU1112U25B – Medicinal
ERU1112U25C – Devices
ERU1112U25D – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

16th December, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 18th December, 2025.

ERU1212U25 – Medicinals
ERU1212U25A – Medicinals
ERU1212U25B – Devices
ERU1212U25C – Devices
ERU1212U25D – Medicinal
ERU1212U25E – Medicinal
ERU1212U25F – Medicinal
ERU1212U25G – Medicinal
ERU1212U25H – Medicinal
ERU1212U25I – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

16th December, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

3098

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-4 ta' Diċembru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 1188/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jeffetwa l-korrezzjoni mitluba fuq l-Atti tat-Twelid bin-numri 1107/2017, 517/2018 u 4016/2019 sabiex isem u kunjom il-missier jiġi korrett b'annotazzjoni minn "MOAMAN HAMED għal MUAMAR HAAMID" u sabiex kunjom it-tlitt minuri fuq l-istess Atti tat-Twelid jiġi korrett ukoll minn "HAMED" għal "HAAMID".

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, l-Erbgħa 10 ta' Diċembru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti Tar-Reviżjoni Tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 4th December, 2025, and upon an application numbered 1188/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to effect the requested correction on the Acts of Birth numbers 1107/2017, 517/2018 and 4016/2019 so that the name and surname of the father are corrected by annotation from "MOAMAN HAMED" to "MUAMAR HAAMID", and so that the surname of the three minors on the same Acts of Birth is also corrected from "HAMED" to "HAAMID".

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Wednesday 10th December, 2025.

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

3099

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2025 fuq talba ta' Rodney Montebello et ġie ordnat biex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji u sub-direttarji mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 2417/2025 fl-ismijiet Rodney Montebello et vs kuraturi deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depositu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2417/2025 fl-ismijiet Rodney Montebello, installer, ġuvni, bin Emanuel Montebello u Maria Camilleri née Mallia, imwieled Tal-Pietà fis-26/4/1999 u residenti Flat 6, Block F, Entratura C, Triq Peppi Vella, il-Birgu (karta tal-identità numru 143299 (M)) flimkien ma' Shania Camilleri, clerk, xebba, bint Mark Camilleri u Rita Camilleri née Vella, imwielda Tal-Pietà fl-20/4/2000 u residenti 266, Vaucluse, Triq is-Sur, il-Fgura (karta tal-identità numru 151500 (L)) flimkien u in solidum bejniethom vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-successuri fit-titolu mhux maghrufa tad-direttarji 1. Joseph Farrugia, bin Salvatore Farrugia u Stella Farrugia née Caruana, imwieled Ħal Tarxien u residenti l-Fgura; 2. Nazzareno Zerafa, bin Emanuel Zerafa u Rosina Farrugia née Grima, imwieled Bormla u residenti

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 14th November, 2025 following a request of Rodney Montebello et it was ordered to appoint deputy curators to represent the unknown direct owners and sub direct owners, in the acts of the schedule of deposit number 2417/2025 in the names Rodney Montebello et vs deputy curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 2417/2025 in the names Rodney Montebello, installer, bachelor, son of Emanuel Montebello and Maria Camilleri née Mallia, born in Tal-Pietà on 26/4/1999 and residing at Flat 6, Block F, Entrance C, Triq Peppi Vella, Vittoriosa (identity card number 143299 (M)) together with Shania Camilleri, Clerk, unmarried, daughter of Mark Camilleri and Rita Camilleri née Vella, born in Tal-Pietà on 20/4/2000 and residing at 266, Vaucluse, Triq is-Sur, Fgura (identity card number 151500 (L)) together and in solidum between them vs Deputy Curators to represent the unknown successors in title of the direct owners 1. Joseph Farrugia, son of Salvatore Farrugia and Stella Farrugia née Caruana, born in Ħal Tarxien and residing in Fgura; 2. Nazzareno Zerafa, son of Emanuel Zerafa and

Ħal Tarxien; 3. Felice sive Felix Abela, bin Emanuel Abela u Salvina Abela née Darmanin, imwieled Ħaż-Żabbar u residenti il-Fgura; u is-sub-direttarji Lucrezio sive Grezzju sive Grazio D'Emanuele, bin Emanuele sive Manwel D'Emanuele u Felicita sive Felicia D'Emanuele née Barun, imwieled Marsaskala fis-17/06/1939 u ġia residenti 54, Ave Maria, Triq Espeditu Catania, Ħaż-Żabbar (karta tal-identità numru 516739 (M)) u Emanuela sive Lily Demanuele née Mifsud, bint Saviour Mifsud u Serafina Mifsud née Pisani, imwielda l-Isla fil-11/01/1945 u residenti 54, Ave Maria, Triq Espeditu Catania, Ħaż-Żabbar (karta tal-identità numru 96345 (M); ippreżentata fit-12 ta' Novembru, 2025 fejn Rodney Montebello et jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti jippossiedu l-groundfloor maisonette ġià indikat bhala terran bin-numru uffiċċjali sittax (16) ġià esternament bla numru, bl-isem "Luna" ġià bl-isem ta' "Teslor" ġia bl-isem "Grosvenor House", fi Triq Castaldi, Haż-Żabbar, sottopost ghal beni ta' terzi persuni fil-first floor level, inklużi fil-bejgħ il-kamra sive boxroom taħt it-taraġ li mit-triq jagħti għal mezzanin fil-first floor level, il-bitħa interna u l-bitħa retroposta għal dan il-groundfloor maisonette ġià indikat bhala terran, u l-parti diviża tal-bejt ta' fuq il-blokk tal-bini kollu, liema parti diviża hija dik ta' fuq in-naħa ta' wara tal-istess blokk, u l-arja ta' fuq din il-parti diviża tal-bejt, kif soġġett għar-rata tiegħu miċ-ċens annwu u perpetwu ta' erbgħa u tletin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€34.95), kif ukoll ghas-sub-ċens annwu u perpetwu ta' erbgħa u tletin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€34.95), hekk kif jidher fuq l-irċevuta hawn annessa u mmarkata Dok "A", mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif muri fuq is-site plan hawn annessa u mmarkata Dok "B" u dan kif aħjar deskritt fl-att tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono tat-tmienja u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (28/09/2022), hawn annessa u mmarkata Dok "C". dan l-fond huwa residenzjali;

Illi oriġinarjament ċ-ċens ta' ħmistax-il Lira Maltija (Lm15) kien ġie impost minn Joseph Farrugia, Nazzareno Zerafa u Feliċ Abela fuq plot t'art mill-għalqa tal-Pjanċi f'Haż-Żabbar u dan in forza ta' att ippublikat min-Nutar Dottor Carmelo Lia tal-hdax t'Ottubru tas-sena elf disa' mija sitta u sebgħin (11/10/1976), hawn anness u mmarkat Dok "D".

Illi s-sub-ċens ta' hmistax-il Lira Maltija (Lm15) kien ġie impost minn Grazio D'Emanuele in forza ta' att ippublikat min-Nutar Dottor Carmelo Lia tal-erbgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin (24/06/1977), hawn anness u mmarkat Dok "E".

Illi ghaldaqstant l-ammont totali ta' ċens dovut lis-suċċessuri fit-titolu tad-direttarji Joseph Farrugia,

Rosina Farrugia née Grima, born in Cospicua and residing iin Ħal Tarxien; 3. Felice sive Felix Abela, son of Emanuel Abela and Salvina Abela née Darmanin, residing in Fgura; and the sub-direct owners Lucrezio sive Grezzju sive Grazio D' Emanuele, son of Emanuele sive Manwel D' Emanuele and Felicita sive Felicia D'Emanuele née Barun, born in Marsaskala on 17/06/1939 and previously residing 54, Ave Maria, Triq Espeditu Catania, Ħaż-Żabbar (identity card number 516739 (M)) and Emanuela sive Lily Demanuele née Mifsud, daughter of Saviour Mifsud and Serafina Mifsud Pisani, born in Senglea on 11/01/1945 and residing 54, Ave Maria, Triq Espeditu Catania, Ħaż-Żabbar (karta of identity number 96345 (M) filed on the 12th November, 2025 whereby Rodney Montebello et respectfully submitted:

That the applicants possess the groundfloor maisonette already indicated as ground floor tenement with official number sixteen (16) previously externally without number, with the name "Luna" previously with the name "Teslor" previously with the name "Grosvenor House", in Triq Castaldi, Haż-Żabbar, underlying property of third parties at first floor level, included in the sale the room sive boxroom under the stairs which leads from the street to a mezzanine at the first floor level, the internal yard and the back yard for this ground floor maisonette already indicated as ground floor, and the divided part of the roof above the block of all the building, which divided part is the one on the back side of the same block, and the airspace overlying this divided part of the roof, as subject to its annual and perpetual groundrent of thirty-four euro and ninety five cents (€34.95), as well as to the annual and perpetual sub-groundrent of thirty-four euro and ninety five cents (€34.95), as shown on the receipt here attached and marked Doc "A", otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, as shown on the site plan here attached and marked Doc "B" and this as better described in the records of Notary Dr Jean Carl Debono dated twenty eight September of the year two thousand and twenty two (28/09/2022), here attached and marked Doc "C". this premises is residential;

That originally the grooundrent of fifteen Maltese Liri (Lm15) was imposed by Joseph Farrugia, Nazzareno Zerafa and Felic Abela on a plot of land from the field of tal-Pjanci fin Ħażż-Zabbar and this in virtue of a deed published by Notary Dr Carmelo Lia of the eleventh October of the year one thousand nine hundred and seventy six (11/10/1976), hereby attached and marked Doc "D".

That the sub-groundrent of fifteen Maltese Liri (Lm15) was imposed by Grazio D' Emanuele in virtue of a deed published by Notary Dr Carmelo Lia of the 4th and 25th June of the year one thousand nine hundred and seventy seven (24/06/1977), hereby attached and marked Doc "E".

That thus the total amount of groundrent due to the successors in title of the direct owners Joseph Farrugia,

Nazzareno Zerafa, Felice sive Felix Abela, jammonta ghal tminn Liri Maltin u sittin centeżmu (Lm7.55) ikapitalizzati bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) illi jammonta ghal mija u wieħed u ħamsin Liri Maltin (Lm151) ekwivalenti ghal tlett mija wiehed u ħamsin ewro u erbgha u sebgħin ċenteżmu (€351.74) rappreżentanti l-prezz tal-fidi ta' dana ċ-ċens perpetwu gravanti l-immobbli fuq imsemmija.

Illi ghaldaqstant l-ammont totali ta' sub-ċens dovut lis-sub-direttarji Lucrezio sive Grezzju sive Grazio D'Emanuele u Emanuela sive Lily Demanuele jammonta għal ħmistax-il Lira Maltija (Lm15) ikapitalizzati bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) illi jammonta ghal tlett mitt Liri Maltin (Lm300) ekwivalenti ghal sitt mija disgħa u disgħin ewro (€699) rappreżentanti l-prezz tal-fidi ta' dana s-sub-ċens perpetwu gravanti l-immobbli fuq imsemmija.

Illi l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakoltà moghtija lilu bl-artikolu 1501 tal-Kodici Ċivili u jifdi dan l-istess cens u sub-ċens u illi għalhekk jammonta ghal elf u hamsin ewro u erba' u sebgħin centezmu (€1,050.74).

Għaldaqstant l-esponenti qiegħed umilment jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti u taht l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepositaw l-ammont globali ta' elf u hamsin ewro u erba' u sebgħin centezmu (€1,050.74) minn liema ammont in kwantu l-ammont ta' tlett mija wiehed u hamsin ewro u erbgħa u sebgħin centezmu (€351.74) hu dovut lis-suċċessuri fit-titolu tad-direttarji Joseph Farrugia, Nazzareno Zerafa, Felice sive Felix Abela filwaqt illi r-rimanenti ammont ta' sitt mija disgħa u disgħin Ewro (€699) hu dovut lis-sub-direttarji Lucrezio sive Grezzju sive Grazio D'Emanuele u Emanuela sive Lily Demanuele biex jigi mogħti liberament lis-sidien, wara li tithalla d-debita riċevuta.

Mittenti: Flat 6, Block F, Entratura C, Triq Peppi Vella, il-Birgu

Notifika: 54, Ave Maria, Triq Espeditu Catania, Ħaż-Żabbar.

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 197, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-Uffiċċju.

Nazzareno Zerafa, Felice sive Felix Abela, amounts to eight Maltese Liri and sixty cents (Lm7.55) capitalised at the rate of five per cent (5%) which amounts to one hundred and fifty one Maltese Liri (Lm151) equivalent to three hundred and fifty one Euros and seventy four cents (€351.74) representing the price of redemption of this perpetual groundrent of the aforementioned immovable property.

That thus the total amount of sub-groundrent due to the sub-direct owners Lucrezio sive Grezzju sive Grazio D' Emanuele and Emanuela sive Lily Demanuele amounts to fifteen Maltese Liri (Lm15) capitalised at the rate of five per cent (5%) which amounts to three hundred Maltese Liri (Lm300) equivalent to six hundred ninety nine Euro (€699) representing the price of redemption of this perpetual sub-groundrent burdening the immovable above mentioned.

That the interpellant wishes to avail himself of the faculty given to him by Article 1501 of the Civil Code and redeem the same groundrent and sub-groundrent and thus amounts to one thousand and fifty Euro and seventy four cents (€1,050.74).

Thus the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are passing on to deposit the global amount of one thousand and fifty Euros and seventy four cents (€1,050.74) from which amount in so far as the amount of three hundred and fifty one Euros and seventy four cents (€351.74) is due to the successors in the title of the direct owners Joseph Farrugia, Nazzareno Zerafa, Felice sive Felix Abela whilst the remaining amount of six hundred ninety nine Euro (€699) is due to the sub-direct owners Lucrezio sive Grezzju sive Grazio D' Emanuele and Emanuela sive Lily Demanuele to be freely given to the owners, after leaving the due receipt.

Applicants: Flat 6, Block F, Entratura C, Triq Peppi Vella, Vittoriosa

Notification: 54, Ave Maria, Triq Espeditu Catania, Ħaż-Żabbar.

Director Public Registry, 197, Triq il-Merkanti, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of Office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Giovanni Grixti LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum, 14 ta' Novembru, 2025.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum, 12 ta' Diċembru, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni Grixti LLD, Doctor of Laws.

This, 14th November, 2025.

Registry of the Superior Courts, today, 12th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

3100

Permezz ta' digriet mogħti fil-14 ta' Novembru, 2025 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4440/2025, fl-ismijiet Helen Vella et vs Charles Pisani, ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Charles Pisani a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili
Illum, 1 ta' Ottubru, 2025

Lil Charles Pisani (KI 6499959M) ta' Chardon, Triq il-Bikri, Ħaż-Żabbar, Malta.

Permezz tal-preżenti, Helen u Mario konjugi Vella ta' 13, Helmar, Triq il-Kittien, Ħaż-Żabbar, jagħmlu referenza għall-fatt illi fir-residenza tagħhom u ċioè fil-fond bin-numru 13, Helmar, Triq il-Kittien, Ħaż-Żabbar u kif ukoll gewwa l-fond 19, Santa Marija, Triq il-Kittien, Ħaż-Żabbar, Malta, hemm bżonn li jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-faccata tal-istess fond kif ukoll manutenzjoni tal-ħajt li jinsab fir-rampa tal-garaxx tiegħek.

Illi skont il-mittenti, ġewwa ir-rampa ta' dan il-garaxx int għandek vettura li qiegħda titħalla pparkajata hemm. Għal fini ta' korrettezza ħadd ma qiegħed jikkontestalek dan id-dritt, però il-mittenti għandhom ukoll dritt jieħdu ħsieb ħwejjiġhom.

Illi għalhekk permezz tal-preżenti il-mittenti permezz ta' din l-ittra jixtiequ jinfurmawk formalment u dan anke fl-interess tiegħek ukoll sabiex meta ser ikunu ħa jibdew ix-xogħlijiet fuq il-faċċata tal-fond tagħhom din il-vettura titneħħa minn fejn qiegħda sa ma jitlesta x-xogħol.

Illi int diġà ġejt infurmat li kien ser isir dan ix-xogħol u int irriffjutajt li tneħħi din il-vettura meta tista' faċilmet idaħħal il-vettura tiegħek ġewwa l-istess garaxx.

By means of a decree of the 14th November, 2025 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4440/2025, in the names Helen Vella et vs Charles Pisani, the following publication for the purpose of service on the respondent Charles Pisani was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court
Today, 1st October, 2025

To Charles Pisani (ID 649959M) of Chardon, Triq il-Bikri, Ħaż-Żabbar, Malta.

By the present, Helen and Mario spouses Vella of 13, Helmar, Triq il-Kittien, Ħaż-Żabbar, make reference to the fact that in their residence and namely in the premises number 13, Helmar, Triq il-Kittien, Ħaż-Żabbar as well as in the premises 19, Santa Marija, Triq il-Kittien, Ħaż-Żabbar, Malta, maintenance works are required on the facade of the same premises as well as maintenance of the wall found in the ramp of your garage.

According to the interpellants, in the ramp of this garage you have a vehicle which is being left parked there. For clarity's sake, no one is contesting this right of yours, but the interpellants also have a right to take care of their property.

Therefore, by means of the present, the interpellants wish to formally inform you, also in your interest, so that when works are going to commence on the facade of their premises this vehicle is removed from where it is until the work is completed.

You have already been informed that this work was going to be carried out and you refused to remove this vehicle when you can easily park your vehicle in the same garage.

Illi fl-eventwalità li din il-vettura ma titneħħiex il-mittenti xorta se jipproċedu bix-xogħlijiet kif inhu d-dritt tagħhom u ser jieħdu il-prekawjonijiet kollha sabiex ma ssirx ħsara fuq il-vettura iżda kwalunkwe ħsara żgur ma jistgħux jinżammu responsabbli huma stante illi huma nfurmawk sabiex tneħħi din il-vettura.

Illi ukoll skont id-dokument anness u ċioè Dok HV01, l-arja sovrastante r-rampa tal-garaxx mhiex tiegħek, għaldaqstant ma tistax timponi l-ebda pretensjoni fuqha, u allura ma tistax ma tħallix lil mittenti jagħmlu x-xogħlijiet fuq il-faċċata tal-proprjetà tagħhom.

Din l-ittra uffiċjali qed tiġi ntavolata wkoll għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u b'mod partikolari għall-finijiet tal-artikolu 1357(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Registru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

That in the event that this vehicle is not removed, the interpellants will still proceed with the works as is their right and will take all the necessary precautions so that no damage is caused to the vehicle but if any damage is indeed caused, they cannot be held responsible since they informed you to remove this vehicle.

In addition, according to the attached document and namely Doc HV01, the airspace overlying the ramp of the garage is not yours, thus you cannot impose any claim on it, and thus you cannot but allow the interpellants to carry out works on the facade of their property.

This judicial letter is being filed also for all intents and purposes of law and in particular for the purposes of Article 1357 (2) of Chapter 16 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today, 12th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3101

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Novembru, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1223/2025, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Owen Pillow, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil Owen Pillow (KI 174181M) ta' 3, Sqaq Numru 2, Triq Ħad-Dwieli, Ħaż-Żebbug, fit-18 ta' Marzu, 2025, Bank of Valletta p.l.c. (C2833) ta' 1/5 Misraħ San Ġorg, Valletta VLT 1190, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somma ta' €109,771.06 bilanċ għad-debitu fil-Home Loan Account tiegħek mal-Bank of Valletta plc, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mis-7 ta' Marzu, 2025 sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjeta mittenti tavżak illi jekk tonqos hija ser tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 19th November, 2025 in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 1223/2025 in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Owen Pillow, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Owen Pillow (ID 174181M) of 3, Sqaq Numru 2, Triq Ħad-Dwieli, Zebbug, on the 18th March 2025, Bank of Valletta p.l.c. (C2833) of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, VLT 1190, solicits you so that within two days you pay the amount of €109,771.06, balance of debt in your House Loan Account with Bank of Valletta plc together with further interest from the 7th March, 2025 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts today, 12th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3102

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3980/2024, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Matthew Dimech et il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Matthew Dimech u Diandra Dimech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12 .

By means of a decree of the 6th October, 2025, in the records of the judicial letter number 3980/2024, in the names HSBC Bank Malta plc vs Matthew Dimech et, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Matthew Dimech and Diandra Dimech in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

In the Courts of Magistrates (Malta)

Illum, 28 ta' Novembru, 2024

Today, 28th November, 2024

Lil Matthew Dimech (KI 206384M) u Diandra Dimech (KI 105488M) ta' 1, Josvic House, Triq Tumas Chetcuti, Ħ'Attard, ATD 3030.

To Matthew Dimech (ID 206384M) and Diandra Dimech (ID 105488M) of 1, Josvic House, Triq Tumas Chetcuti, Ħ'Attard, ATD 3030.

Permezz tal-prezenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta.

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta.

Iġġib a formali konjizzjoni tagħkom il-fatt li fil-ġurnata tal-25 ta' Novembru, 2024, intom kontu tinsabu morużi fil-pagamenti ta' self lilkom mogħti, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ann Marie Tonna, datat 18 ta' Novembru, 2014, fl-ammont ta' €2,433,38 u għaldaqstant is-soċjetà esponenti tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu din is-somma. In oltre s-soċjetà esponenti tinfurmakom illi din is-somma ta' arretrati tizdied b'€608.21 fix-xahar wara dik id-data.

Brings to your formal notice the fact that on the 25th November, 2024 you were in delay of payment of the loan given to you in the acts of Notary Dr Ann Marie Tonna, dated 18th November, 2014 in the amount of €2,433.38 and thus the interpellant company solicits you so that within two days you pay the said amount. The interpellant company informs you also that this sum of arrears increases by €608.21 per month after that date.

Tinfurmakom li jekk tonqsu milli tħallsu l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa oltre imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Informs you that if you fail to pay all the arrears due within fifteen days from the date of notification of this letter, the entire balance of the loan becomes due all at once besides the legal interest at the rate of 8% per annum until the date of effective payment.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat mhuwiex possibbli u teħtieġu żmien itwal għall-ħlas b'rata mensili, intom tistgħu tammettu d-dejn tagħkom mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ intom mitluba illi fi żmien ħmistax-il gurnata minn meta tirċievu din l-ittra tavżaw lill-Bank u tqabbdu Nutar.

To avoid useless Court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you need more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notorial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a Notary.

Din l-ittra sservi ukoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mill-ligi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

Bl-ispejjeż.

With costs.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum, 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 12th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3103

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-11 ta' Diċembru, 2025 fuq rikors ta' 35˚14˚Capital SCC plc C105417 taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie iffissat il-jum tal-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamru numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1 Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

L-appartament internament numerat ħamsa (5) li jinsab fit-tieni sular, li jifforma parti minn kumpless mingħajr numru bl-isem ta' 'Melita Mansions' li jikkonsisti fi flats, maisonettes u garaxxijiet fi Triq il-Knisja, Tas-Sliema, mibnija fuq is-sit li qabel kien okkupat mid-djar numru tmintax (18), dsatax (19), għoxrin (20), wieħed u għoxrin (21) u tnejn u għoxrin (22), imiss mal-imsemmi kumpless mill-Lvant ma' dik it-triq, mill-Punent ma' proprjetà ta' Andrew De Domenico jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u in-Nofsinhar minn proprjetà ta' De La Salle Brothers jew tas-suċċessuri tagħhom, bi dritt ta' użu tal-partijiet komuni tal-blokka, stmat li jiswa ħames mija u għoxrin elf ewro (€520,000);

u

ż-żewġ (2) spazji tal-parkeġġ internament numerati bin-numru ħamsa (5) u sitta (6) li jifformaw parti minn kumpless mingħajr numru bl-isem ta' 'Melita Mansions', li jikkonsisti fi flats, maisonettes u garaxxijiet fi Triq il-Knisja, Tas-Sliema, mibnija fuq is-sit li qabel kien okkupat mid-djar numru tmintax (18), dsatax (19), għoxrin (20), wieħed u għoxrin (21) u tnejn u għoxrin (22), imiss mal-imsemmi kumpless mill-Lvant ta' dik it-triq, mill-Punent ma' proprjetà ta' Andrew De Domenico jew tas-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u n-Nofsinhar minn proprjetà ta' De La Salle Brothers jew tas-suċċessuri tagħhom, bi dritt perpertwu ta'passaġġ bil-vettura minn rampa li tagħti għal fuq it-Triq il-Knisja, kif ukoll bi dritt ta' passaġġ bir-riġel kemm mit-taraġ jew mill-lift li jagħtu għal Triq il-Knisja, stmati li jiswew sitta u ħamsin elf ewro (€56,000).

L-appartament u l-ispazji tal-parkeġġ fuq imsemmija kienu ġew akkwistati permezz ta' kuntratt datat t-tletin ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta (30.12.2003) fl-atti tan-Nutar Dr. Remigio Zammit Pace.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alessandro Bianchi sive Sandro KI450865M u Simone Bianchi KI233365M.

By decree given by the Civil Court, First Hall on 11th December, 2025 on the application of 35º14º Capital SCC plc C105417 acting on behalf of Cell Couros, Thursday, 15th January, 2026 at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

The apartment internally numbered five (5) situated on the second floor, forming part of a complex unnumbered named 'Meltia Mansions' consisting of flats, maisonettes and garages in Triq il-Knisja, Sliema, built on the site formerly occupied by the houses number eighteen (18), nineteen (19), twenty (20), twenty one (21) and twenty two (22), bounded the said complex on East by the said street, on the West by property of Andrew De Domenico or his successors in title and on the South by property of the De La Salle Brothers or their successors in title, with the right of use of the common parts of the block, valued at five hundred and twenty thousand euro (€520,000);

and

The two (2) car space internally numbered number five (5) and six (6) forming part of a complex unnumbered named 'Melita Mansions', consisting of flats, maisonettes and garages in Triq il-Knisja, Tas-Sliema, built on the site formerly occupied by the houses number eighteen (18), nineteen (19), twenty (20), twenty one (21) and twenty two (22), bounded the said complex on East by the said street, on the West by property of Andrew De Domenico or his successors in title and on the South by property of the De La Salle Brothers or their successors in title, with the perpetual right of a passage by vehicle from a ramp that leading to Triq il-Knisja, and also the right of passage on foot from the stairs or the lift leading to Triq il-Knisja, valued at fifty six thousand euro (€56,000).

The above mentioned apartment and the parking spaces were acquired by a contract dated the thirtieth of December of the year two thousand and three (30.12.2003) in the acts of Notary Remigio Zammit Pace.

The said tenement is the property of Alessandro sive Sandro Bianchi ID450865M and Simone Bianchi ID233365M.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 42/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, il-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru, 2025.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 42/2024.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 12th December 2025.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3104

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-14 ta' Ġunju, 2024 fuq talba ta' Carmela Scicluna et ġie ordnat biex tappunta kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu tas-sub-direttarji Giuseppe Andreas et, fl-atti taċ-ċedola numru 1276/2024 fl-ismijiet Carmela Scicluna et vs kuraturi deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depositu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1276/2024 fl-ismijiet Carmela Scicluna armla ta' Carmelo Scicluna, mara tad-dar, bint Francesco Costa u Antonia Costa née Azzopardi, imwielda Ħal Luqa fit-tnax ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u tletin (12/1/1938) u residenti numru mija u tletin (130), Triq San Ġużepp, Ħal Luqa, (46538M), flimkien ma' Francis Scicluna (99479253), impjegat; Monica Camilleri (79004669) mart Joseph, mara tad-dar u Anthony Scicluna (79706284), foreman, aħwa Scicluna, it-tlieta (3) ulied il-mejjet Carmelo Scicluna u Carmela née Costa, imweldin Ħal Luqa fis-sitta ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u ħamsin (6/10/1957), Luqa fis-sittax ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgħin (1/10/1970) rispettivament u residenti numru erbgħa (4), "Lorvan", Triq Bernard Blanc, Birkirkara; numru wieħed u sebgħin (71), "Sharef", Triq Ċensu Decandia, Ħal Luqa u Binja Ġebel Dwejra, numru tlieta ittra B (3B), Triq San David, l-Imtarfa rispettivament, (705657M), (277760M) u (445570M) rispettivament vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw (i) lis-suċċessuri fit-titolu tas-sub-direttarji Giuseppe, Andreas, Maria Carmela u Nicola aħwa Bondin, ulied Giorgio u Carmela née Farrugia, imweldin u ġià residenti Ħal Luqa u liema mhumiex magħrufa; (ii) lis-suċċessuri fit-titolu tad-direttarji oriġinali mhux magħrufa; ppreżentat fit-12 ta' Ġunju, 2024 fejn esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti huma s-sidien u proprjetarji tal-fond ossia dar bin-numru mija u disgħa u għoxrin (129) u mija u tletin (130), liema dar għandha tliet (3) entratura, ossia

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 14th June, 2024 following a request of Carmela Scicluna et it was ordered to appoint deputy curators to represent the successors in title of the sub-direct owners of Giuseppe Andreas, Maria Carmela and Nicola brothers and sisters Bondin in the acts of the schedule of deposit number 1276/2024 in the names Carmela Scicluna et vs deputy curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 1276/2024 in the names Carmela Scicluna widow of Carmelo Scicluna, housewife, daughter of Francesco Costa and Antonia Costa née Azzopardi, born in Ħal Luqa on the twelfth January of the year one thousand nine hundred and thirty eight (12/1/1938) and residing number one hundred and thirty (130), Triq San Ġużepp, Ħal Luqa, (46538M), together with Francis Scicluna (99479253), employee; Monica Camilleri (79004669) wife of Joseph, housewife and Anthony Scicluna (79706284), foreman, siblings Scicluna, three (3) children of the late Carmelo Scicluna and Carmela née Costa, born in Ħal Luqa on the sixth October of the year one thousand nine hundred and fifty seven (6/10/1957), Luqa on the sixteenth April of the year one thousand nine hundred and seventy (1/10/1970) respectively and residing number four (4), "Lorvan", Triq Bernard Blanc, Birkirkara; seventy-one (71), "Sharef", Triq Censu Decandia, Luqa and Binja Ġebel Dwejra, number three letter B (3B), Triq San David, Mtarfa respectively, (705657M), (277760M) and (445570M) respectively vs deputy curators to represent (i) the successors in title of the sub-direct owners Giuseppe, Andreas, Maria Carmela and Nicola brothers Bondin, children of Giorgio and Carmela née Farrugia, born and resides in Ħal Luqa and which are unknown; (ii) the successors in title of the unknown original direct owners; presented on the 12th June, 2024 respectfully pleaded:

That the applicants are the owners and owners of the premises that is a house with number one hundred and twenty nine (129) and one hundred and thirty (130), which house

bieb prinċipali u żewġ persjani, Triq San Ġużepp, Ħal Luqa, inkluż l-arja sovrastanti u inkluż is-sottoswol, Dok "A", bħala soġġetta l-ġardina annessa miegħu għaċ-ċens u sub-ċens annwu u perpetwu ta' €3.31/ Lm1.42, kif stipulat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius tat-12 ta' Ġunju, 1979, Dok "B";

Illi oriġinarjament l-art ġiet konċessa in sub-enfitewsi minn Giuseppe, Andreas, Maria Carmela u Nicola aħwa Bondin, b'att tan-Nutar Victor Bisazza tad-29 ta' April 1950, Dok "C";

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakoltà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan l-istess ċens u sub-ċens u li għalhekk jammonta għal sitta u sittin ewro u għoxrin ewro ċenteżmu (€66.20);

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw l-ammont kumplessiv ta' sitta u tmenin ewro u sitt ċenteżmi (€86.06) rappreżentanti (A) sitta u sittin ewro u għoxrin ewro ċenteżmu (€66.20) prezz tal-fidi ta' ċens u sub-ċens; (B) sittax -il ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€16.55) arretrati ta' ħames (5) snin ċens u sub-ċens; u (C) tliet ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€3.31) ħlas ta' lawdemju; biex jiġi mogħti liberament lis-sidien wara li titħalla d-debita riċevuta.

Mittenti: 130, Triq San Ġużepp, Ħal Luqa
Notifika:

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 34, Triq l-Arċisqof, Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Audrey Demicoli LLD, Duttur tal-Liġi.

has three (3) entrance, that is a main door and two blinds, Triq San Guzepp, Luqa, including the overlying airspace and including the subterrain, Doc "A", as subject to the garden attached to it for the annual and perpetual groundrent and sub-groundrent of €3.31/Lm1.42, as stipulated in the records of Notary Dr Joseph Agius of the 12th June, 1979, Doc "B";

That originally the land was granted in sub-emphyteusis by Giuseppe, Andreas, Maria Carmela and Nicola siblings Bondin, by a deed of Notary Victor Bisazza of the 29th April, 1950, Doc "C";

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem the same groundrent and sub-groundrent and thus amounts to sixty six euro and twenty euro cents (€66.20);

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the total amount of eighty six euro and six cents (€86.06) representing (A) sixty six euro and twenty euro cents (€66.20) price of redemption of ground rent and sub-ground rent; (B) sixteen euro and fifty five cents (€16.55) arrears of five (5) years groundrent and sub-groundrent; and (C) three euro and thirty one cents (€3.31) laudemium payment; to be freely given to owners after the due receipt is left.

Applicant: 130, Saint Guzepp Street, Luqa
Notification:

Director Public Registry, 34, Triq l-Arċisqof, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of Office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli LL D, doctor of Laws.

Illum, 14 ta' Ġunju, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

Today, 14th June, 2024

Registry of the Superior Courts, today, 12th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3105

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Diċembru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2621/2024, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Marvin Fenech, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Marvin Fenech a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 30 ta' Lulju, 2024

Lil Marvin Fenech (KI 430974M) ta' Nazare, Triq il-Faqqiegħ, Ħ'Attard

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,601.94, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont u liema ammont jikkonsisti fis-segwenti:

i. Inkwantu l-kont numru 101000129419 l-ammont ta' €852.61 fil-fond bl-indirizz Flat 2, Nazare, Triq il-Faqqiegħ, Ħ'Attard; u

ii. Inkwantu l-kont numru 411000132373 l-ammont ta' €749.33 fil-fond bl-indirizz 4A, Office, The Office, Triq il-Ħatab, Ħ'Attard.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

By means of a decree of the 19th December, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2621/2024 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Marvin Fenech the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Marvin Fenech in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 30th July, 2024

To Marvin Fenech (ID 430974M) of Nazare, Triq il-Faqqiegħ, Ħ'Attard

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,601.94, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount and which amount consists of the following:

i. As for bill number 101000129419 the amount of €852.61 of the premises with address Flt 2, Nazare, Triq il-Faqqiegħ, Ħ'Attard; and

ii. As for bill number 411000132373 the amount of €749.33 of the premises with address 4A, Office, The Office, Triq il-Ħatab, Ħ'Attard.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 12th December, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3106

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Novembru, 2025, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3829/2025, fl-ismijiet Assunta Josephine sive Josephine D'Amato et vs Andre Schembri et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Andre Schembri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 27 ta' Awwissu, 2025

Lil: Andre Schembri (KI 0536487M) ta' 19, Agnes, Triq Capadocia, Ħal Qormi; u
Il-Perit Adrian Davison

Permezz tal-preżenti, Assunta Josephine sive Josephine D'Amato (KI 749261M), Consuela Cini D'Amato (KI 165680M), Consiglio D'Amato (KI 225081M) u Sabienne Muscat D'Amato (KI 232793M) ta' Villa Sigliodor, Triq il-Prinċipessa Eliżabetta, Ta' Xbiex, jinfurmawkom illi huma l-proprjetarji tal-fond Wee House, Triq Cappadocia, Ħal Qormi, u jirreferu għall-applikazzjoni tal-iżvilupp PA 2664/25 fejn l-intimata bl-assistenza tal-Perit intimat talbu permess biex jiġi żviluppat is-sit 19, Agnes, Triq Cappadocia k/m Triq G. Depasquale, Ħal Qormi, u:

a) Jinterpellawkom sabiex fi kwalsijasi eventwali żvilupp jiġi aċċertat li ma ssirx ħsara jew dannu fil-proprjetà tal-mittenti u li f'kull eventwalità jigi aċċertat li l-bini propost ikun stutturalment sod u li l-binja u pedamenti sottoposti jifilħħu tali żvilupp;

b) Formalment jinfurmawkom illi huma mhux qed jagħtu kunsens li jsiru servitujiet ġodda jew li servitujiet eżistenti jiġu aggravati.

By means of a decree of the 20th November, 2025, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 3829/2025, in the names Assunta Josephine sive Josephine D'Amato et vs Andre Schembri et, the following publication for the purpose of service on the respondent Andre Schembri was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 27th August, 2025

To: Andre Schembri (ID 0536487M) of 19, Agnes, Triq Capadocia, Ħal Qormi; and
Architect Adrian Davison

By the present, Assunta Josephine sive Josephine D'Amato (ID 749261M), Consuela Cini D'Amato (ID 165680M), Consiglio D'Amato (ID 225081M) and Sabienne Muscat D'Amato (ID 232793M) of Villa Sigliodor, Triq il-Prinċipessa Eliżabetta, Ta' Xbiex, inform you that they are the owners of the premises Wee House, Triq Cappadocia, Ħal Qormi, and refer to the development application with reference PA 2664/25 whereby the respondent, with the assistance of the respondent Architect, requested permission to develop the site 19, Agnes, Triq Cappadocia c/w Triq G. Depasquale, Ħal Qormi, and:

a) Solicit you so that in any eventual development which may take place, it is ascertained that there is no damage or harm caused to the property of the interpellants and that in any eventuality it is ascertained that the proposed building is structurally sound and that the building and underlying foundations can sustain such development;

b) Formally inform you that they are not consenting to any new servitudes or that existing servitudes are aggravated.

Illi finalment intom interpellati sabiex tirrispettaw il-kweżiti tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi partikolarment f'dak li jirrigwarda servitujiet u ħitan diviżorji.

Fin-nuqqas jittieħdu proċeduri ulterjuri kif trid il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

That finally you are solicited to respect the provisions of the Civil Code particularly as regards servitudes and partition walls.

In default, further procedures will be taken as required by law

Registry of the Superior Courts, today 12th December, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3107

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2422/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Bilodeau Lyndsay Lee Marie, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Bilodeau Lyndsay Lee Marie a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 23 ta' Mejju, 2025

Lil Bilodeau Lyndsay Lee Marie (KI 0101476A) ta' Depiro Point, Block A, Flat 22, Triq Depiro, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €39,916.98 rappreżentanti ammont dovut minnek fil-kapaċità tiegħek ta' direttur tas-soċjetà Deep Med Freediving Malta Limited (C66530) bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont l-imsemmi Attt XXIII tal-1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

By means of a decree of the 22nd October, 2025, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 2422/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Bilodeau Lyndsay Lee Marie, the following publication for the purpose of service on the respondent Bilodeau Lyndsay Lee Marie was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 23rd May, 2025

To Bilodeau Lyndsay Lee Marie (ID 0101476A) of Depiro Point, Block A, Flat 22, Triq Depiro, Tas-Sliema

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €39,916.98 representing amount due by you in your capacity as director of the company Deep Med Freediving Malta Limited (C66530) as Value Added Tax, according to the same Act .

With costs and interest according to the said Act XXIII of 1998 till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 12th December, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3108

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-14 ta' Ġunju, 2024, fuq talba ta' Anna Maria Fernandez ġie ordnat biex tappunta kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarji mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 1285/2024 fl-ismijiet Anna Maria Fernandez vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1285/2024 fl-ismijiet Anna Maria Fernandez mart Cosimo Felli, bint il-mejtin Edward Fernandez u Carmelina née Bonavia, imwielda l-Ħamrun fl-14 ta' Settembru, 1953, u residenti Tas-Sliema (664253M) vs Kuraturi Deputati ta' direttarji mhux magħrufa u li mhux magħruf jekk humiex ħajjin u huma maħsuba mejta ppreżentat fit-12 ta' Ġunju, 2024, fejn Anna Maria Fernandez (664253M) tesponi bir-rispett:

Illi bis-saħħa ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Dott. Elizabeth Sciriha tat-2 ta' Marzu, 2005, kopja tiegħu qiegħed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. 'A', l-esponenti ġiet assenjata l-fond numru mija u sebgħa u għoxrin (127), Triq Manuel Dimech ġja Triq Prince of Wales, Tas-Sliema, erroneament indikat bħala li huwa suġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' ħamsa u sittin ċenteżmu (€0.65c) għar-rimanenti perjodu li kien jagħlaq fis-sena elfejn u disgħa u għoxrin (2029);

Illi sussegwentement minn riċerki ulterjuri żvolti mill-esponenti, senjatament minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Giuseppe Antonio Parodi datat 27 ta' Ġunju, 1882, (anness Dok. 'B'), irriżulta li ċ-ċens gravanti l-imsemmi fond, li dak iż-żmien kien numerat tnejn u sittin (62) fi Triq Prince of Wales, Tas-Sliema, kien ta' natura perpetwa u mhux ta' natura temporanja;

Illi l-esponenti għandha interess li tifdi ċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-imsemmi immobbli, għalhekk is-soċjetà

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 14th June, 2024, following a request of Anna Maria Fernandez it was ordered to appoint deputy curators to represent the unknown direct owners, in the acts of the schedule of deposit number 1285/2024 in the names Anna Maria Fernandez vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and contextual redemption of groundrent number 1285/2024 in the names Anna Maria Fernandez wife of Cosimo Felli, daughter of the late Edward Fernandez and Carmelina née Bonavia, born in Ħamrun on the 14th September, 1953, and residing at Tas-Sliema, (664253M) vs Deputy Curators of the unknown direct owners who are not known whether they are living and are believed to be dead filed on the 12th June, 2024, whereby Anna Maria Fernandez (664253M) respectfully submitted:

That in virtue of a contract of partition in the records of Notary doctor Elizabeth Sciriha of the 2nd March, 2005, a copy of which is here attached and marked Doc. 'A', the applicant was assigned the premises number one hundred and twenty seven (127), Triq Manuel Dimech gia Triq Prince of Wales, Tas-Sliema, erroneously indicated as being subject to the annual and temporary groundrent of sixty five cents (€0.65 C) for the remaining period which would have expired in the year two thousand and twenty-nine (2029);

That subsequently from further searches carried out by the applicants, especially from a contract in the records of Notary Giuseppe Antonio Parodi dated 27th June, 1882, (Annex Doc. 'B'), it resulted that the groundrent burdening the said premises, which at the time was numbered sixty two (62) in Triq Prince of Wales, Tas-Sliema, was of a perpetual nature and not of a temporary nature;

That the interpellant has an interest to redeem the annual and perpetual groundrent burdening the said immovable,

esponenti qed tipprevalixxi ruħha mill-fakultà lilha mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili sabiex tifdi l-istess ċens annwu u perpetwu;

Illi ċ-ċens annwu u perpetwu tal-immobbli hawn fuq deskritt, fl-ammont ta' ħamsa u sittin ċenteżmu (€0.65) kapitalizzati bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għas-somma ta' tlettax-il ewro (€13.00);

Illi l-imsemmi fond jikkostitwixxi r-residenza unika u ordinarja tal-esponenti f'Malta;

Għaldaqstant, l-esponenti qed tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u, in ottemperanza mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw il-fidi taċ-ċens, qed tiddepożita taħt l-awtorità tagħha s-somma ta' tlettax-il ewro (€13.00) rappreżentanti l-kapitalizzazzjoni bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) taċ-ċens annwu u perpetwu fl-ammont ta' ħamsa u sittin ċenteżmu (€0.65) sabiex tali ammont jiġi liberament mogħti lill-intimati wara li dawn iħallu debita riċevuta skont il-liġi u skont kull provvediment ieħor li jirregola l-fidi taċ-ċens;

Bl-ispejjeż

Mittenti: 127, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema

Notifika: Reġistratur tal-Artijiet, 116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 126, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 14 ta' Ġunju, 2024

thus the interpellant company is availing itself of the faculty given to it in virtue of Article 1501 of the Civil Code to redeem the same annual and perpetual groundrent;

That the annual and perpetual groundrent of the immovable above described, in the amount of sixty five cents (€0.65) capitalised at the rate of five per cent (5%) amounts to thirteen euro (€13.00);

That the said premises constitutes the sole and ordinary residence of the applicant in Malta;

Thus, the applicant is calling upon this Honourable Court and, in accordance with the provisions of the Civil Code regulating the redemption of groundrent, is depositing under its authority the sum of thirteen euro (€13.00) representing the capitalisation at the rate of five percent (5%) of the annual and perpetual groundrent in the amount of sixty five cents (€0.65) so that such amount be freely withdrawn. given to the respondents after they leave due receipt according to law and according to any other provision regulating the redemption of groundrent;

With costs

Applicant: 127, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema

Notification: Land Registrar, 116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Director Public Registry, 126, Triq l-Arċisqof, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

This 14th June, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 12th December, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3109

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Novembru, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Tom Cracknell fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4989/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2025 tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Tom Cracknell (KI 0025458A) fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €2,203,678.11 rappreżentanti ammont minnek dovut bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 17th November, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Tom Cracknell in the acts of the judicial letter number 4989/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 4th November, 2025, by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, against deputy curators nominated to represent the absentee Tom Cracknell (ID 0025458A), the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Cap. 406 of the Laws of Malta so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €2,203,678.11 representing amount due by you as value added tax.

With costs and interest in terms of Cap. 406 of the Laws of Malta till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giovanni Grixti, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 17 ta' Novembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni Grixti, LLD, Doctor of Laws.

Today 17th November, 2025

Registry of the Superior Courts, today 12th December, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3110

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru, 2025 (digriet numru 115/2025BS, wara rikors numru 119/2025BS) ġiet ikkonfermata inabilitata mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Marija sive Mary Zammit, xebba, bint il-mejtin Nicholas sive Nikola Zammit u Speranza Zammit née Zammit, imwielda r-Rabat, Għawdex, u residenti r-Rabat, Għawdex (karta tal-identità numru 79050G).

George Zammit, bin il-mejtin Nicholas sive Nikola Zammit u Speranza Zammit née Zammit, imwieled ir-Rabat, Għawdex, residenti r-Rabat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 10763G, ġie bl-istess digriet nominat kuratur tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 15 ta' Diċembru, 2025

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the twenty fifth (25th) of November of the year 2025 (decree number 115/2025BS following application number 119/2025BS) Marija sive Mary Zammit, spinster, daughter of the late Nicholas sive Nikola Zammit and Speranza Zammit née Zammit, born in Victoria, Gozo, and residing in Victoria, Gozo, holder of identity card number 79050G, has been confirmed inabilitated from all acts of civil life.

George Zammit, son of the late Nicholas sive Nikola Zammit u Speranza Zammit née Zammit, born in Victoria, Gozo, residing in Victoria, Gozo, and holder of identity card number 10763G, has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 15th of December, 2025

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603